# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 42/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JM**

**vs**

**MAM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JM, datat 29 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

1. *Illi r-rikorrenti kienu zzewgu fit-tletin (30) ta' Settembru 2005 skond certifkat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok A) u minn dan iz-zwieg twieled binhom IM li llum ghandu hdax (11) il-sena u ghalhekk ghadu minuri;*

2. *Illi l-parttijiet ilhom 'de jure' separati mit-3 ta' Frar 2017 kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet in atti Nutar Dottor AnnMarie Agius (annesss u mmarkat Dok B), u ilhom 'defacto' separati aktar minn erba' snin;*

3. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba' snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet ohra;*

4. *Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment minn ghand xulxin, kif ukoll m'hemm ebda arretrai fir-rigward tal-manteniment versu il-minuri IM;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tawtorizza lil JM sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha 'N';*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi deher l-intimat MAM mhux assist, gie spjegat lilu li d-drittijiet legali tieghu izda hu rrisponda li mhux bzonn avukat (vide verbal 11 ta' Narzu 2019, a fol 17);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JM** xehdet a fol illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Settembru 2005 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fit-3 ta' Frar 2017 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MAM** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tat-30 ta' Setembru 2005 (vide Dok A, a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Frar 2017

fl-atti tan-Nutar Dottor AnnMarie Agius, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B, a fol 4 et seqq.), u li minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li ghadu minorenni;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Jinsab stabbilit inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. u tawtorizza lil JM sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe' N u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**